KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tad-dsatax (19) il-laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tlieta, 17 ta' Mejju, 2016, fil-5.30 pm**

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| | |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taz-Żgħażagħ |
| | |
| Skuzata:- | |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tas-sbatax u t-tmintax –il (17 u 18) laqgħa, tat-Tlieta, 12 t'April u 26 t'April 2016 rispettivi, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Is-Segretarja irceviet e-mail minghand Dr. Josianne Cutajar li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba assignment deadlines. Il-Kunsill qabel li tigi skuzata.

Bħala punti mill-minuti:

*a)* Is-Sindku informa lill-kunsilliera li fil-Pjazza San Pietru u San Pawl sar xogħol fuq l-*overflow* u l-pompa fuq il-gibjun. Hu kompla jgħid li għandu jeħel il-gutter fil-granet li gejjin u qed ikomplu jeħlu t-totems.

b) Rigward il-globi u bozoz tal-Ħali s-Sindku nnota li x-xogħol sar minn D Illumination. Hu kompla jgħid li kien hemm disa' globi maħruqin u għaxra miksura li kien ilhom jakkummulaw maz-zmien. Dawn ma sarux fix-xhur li ghaddew ghax jidher li kien qed isir vandalizmu fil-post, pero imbaghad wasal fi stat fejn kien hemm nuqqas kbir ta' dawl u allura x-xoghol ried isir bilfors.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

c)Is-Sindku informa ukoll lil Kunsilliera li qed nistennew risposta mingħand ELC għal kwotazzjoni fuq iz-zbir tas-sigar fi Pjazza Dun Martin Camillieri.

## 3. Korrispondenza:

(5508B) Ittra mingħand il-Planning Authority dwar l-appell tal-Belveder fi Triq David Cocco. Palmeri.

(5509) Talba mingħand l-Għaqda Armar rigward għajnuna biex jinbena base tal-palk minħabba l-embellishment tal-Pjazza San Pietru u San Pawl. Il-Kunsill qabel li jikkollabora permezz tal-ammont ta' €150.

(5510) Ittra mingħand il-Planning Authority dwar talba għal imwejjed u siggijiet fil-pjazza.

(5511) E-mail mir-Regjun Għawdex dwar ħrug ta' offerti Regjonali f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex. Is-Sindku nforma lil kunsilliera li hu kien prezenti għal-laqgħa fejn tqajjem il-punt li meta jinħargu offerti Regjonali f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ghawdex dejjem jirbah ix-xogħol kuntrattur wieħed u li dan mhux gust mal kuntratturi l-oħra. Is-Sindku staqsa lil kunsilliera li jekk jaħsbu li hemm xi items li għandhom jinħargu offerta mar-Regjun f'isem Kunsilli oħra għandhom javzawh biex hu jressaq lil Regjun. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri qal li qabel kien hemm l-offerta ta' l-iskart b'dan il-mod, bejn tlett Kunsilli izda ma kienetx irnexxiet.

(5512 LCA Circular 28/2016 – AC4ACP

(5513) E-mail mingħand l-AFM dwar ezercizju ta' 30 siegha fil-limiti tal-Qortin.

(5514) E-mail mingħand il-LESA dwar l-immaniggjar tat-traffiku

(5515) E-mail mingħand il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Kummerc dwar il-Premju Nazzjonali għal Appogg lill Intrapriza 2016

(5517) E-mail mingħand John Inguanez fejn jitlob lis-Sindku biex jikkontribwixxi b'artiklu għal magazine tal-Club ta' Nadur Youngsters. Is-Sindku informa lil kunsilliera li jkun sew jekk il-Kunsill jikkontribixxi u jikkollabora anke fil-pubblikazzjoni tal-promozzjoni tal-istess klabb. Il-kunsilliera qablu. Hu kompla jgħid li din l-għaqda minkejja diffikultajiet li kien hemm kienu kapaci jkomplu jirnexxu. Il-Viċi Sindku astjena.

(5518) E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Case No. 175/16 – ME, CFS and Fibromyalgia "Light up the night". Il-Kunsill tan-Nadur ippartecipa f'din l-attivita'.

(5519) MEMO 12/2016 dwar Apprezzament u Ringrazzjament- Direttur.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(5520) Ittra mingħand l-Iscouts dwar sponsorship ta' sigar biex jfakkru is-60 sena ta' Scouting at Stella Maris College. Il-Viċi Sindku issugerixxa il-barriera. Ser isir kuntatt mal-Ministeru għal Għawdex fuq il-Qortin.

(5521) E-mail mill-OPM dwar laqgħa li ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Mejju fl-Ufficcju tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li din il-laqgħa ser issir il-Gimgħa 10 ta' Gunju.

(5522) Talba mingħand is-Socjeta Filarmonika Mnarja dwar kolloborazzjoni mal-Kunsill Lokali għal-Kuncert li ser isir fit-22 ta' Gunju. Il-Kunsill qabel ma dan u ser jikkollabora bl-ammont ta' €1,000.

(5523) Talba finanzjarja mingħand is-Socjeta Filarmonika Mnarja għar-Rivista Lehen il-Banda Mnarja – Il-Kunsill qabel ma dan u ser jikkollabora u jirreklama għal ammont ta' €100 u li jkun jinkludi spazju għal Kunsill Lokali fil-pubblikazzjoni.

(5524) MEMO 11/2016 dwar Servizzi tal-Għaqdiet Muzikali tal-Lokal.

(5525) Avviz tas-smiegħ mit-tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar.

(5526) Ittra mibgħuta mill-Kunsill tan-Nadur rigward l-Appell Nru 26/16 (PA202/15).

(5527) Ittra mill-Water Services Corporation fejn jigbdulna l-attenzjoni dwar konsum eccessiv tal-ilma fil-Latrina Pubblika fi Triq it-Tramuntana. Is-Sindku informa lil kunsilliera li din il-problema giet solvuta minn technician.

(5528) Avviz mill-Qorti ghas-smigħ ta' kawza- DC Cocco Pameri.

(5529) Avviz mill-OPM dwar trasferiment ta' ownership ta' servizz.gov.mt.

(5530) E-mail mid-Dipartiment tas-Sanita rigward ilment mir-residenti ta' Kenuna minhabba rimi ta' xkejjer taz-zibel fl-inhawi fi granet meta dan ma jingabarx. Is-Sindku nforma lil kunsilliera li tneħħiet il-ħadida taz-zibel u qed isir monitoring fuq il-post. Hu kompla jgħid li jidher li l-problema giet solvuta. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġerit li għandhom jigu informati id-Dipartiment tas-Sanita b'dan. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt magħhom.

(5531) Nota ta' Ringrazzjament mis-socjeta Filarmonika Mnarja għal ghajnuna u sostenn kontinwu minn naha tal-Kunsill Lokali.

(5532) Ittra mingħand Ghaqda Armar Dicembru 13 dwar ringrazzjament fuq l-attivita' tal-bejgħ tax-xtieli fl-okażżjoni ta' Jum L-Omm.

Is-Sindku semma wkoll li rċevejna ittra oħra mingħand Vyshny Volochyok bħala risposta għall-ittra tagħna fejn anke huma jixtiequ li nerġgħu nsaħħu r-relazzjoni. Il-Kunsilliera qablu li nirrispondu u naħsbu għal viżita minn delegazzjoni minn Nadur matul l-2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.**

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said innota xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda. Il-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi. Il-Vici Sindku Eucharist Camillieri gibed l-attenzjoni dwar il-knis fl-area ta' Ħida u Grunju. Is-Sindku nnota li kien hemm tnaqqis sew fl-ilmenti rigward il-knis f'dawn l-areas minn wara li l-kunsill bgħatlu l-ewwel ittra. Is-Sindku issuggerixxa li l-kuntrattur jigi informat b'ittra oħra b'dan u jekk tibqa' din is-sitwazzjoni taqa' l-offerta. Il-kunsilliera qablu ma dan. Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-Kunsill daqt ser jirċievi il-€15,000 reinbursement fuq il-Progett tal-Pjazza li tħallsu lill-kuntrattur. Hu kompla jgħid li min dawn jitħallas €5,000 lil Gatt Tarmac bħala parti mil-PPP u €5,000 oħra lil Road Construction Ltd tax-xogħol li sar fuq tarmac fl-aħħar tal-legislatura li għaddiet . Il-Kunsilliera qablu ma dan.

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-*lawn mower* għandu bżonn service li ser jigi jiswa ħafna. Hu kompla jgħid li l-belvedere għandu bzonn li jinqata' l-haxix u issuggerixxa li jinxtara wieħed ġdid. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku nnota li saru t-toqob tal-antarjoli fi Triq il-Knisja, fejn qabel sar ukoll id-*detections.* Is-Sindku qal ukoll li l-ħaddiem tal-kunsill kien mal-kuntrattur waqt li kien għaddej ix-xogħol.

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li inxtraw pjanti lill-anzjani għal ħarga tal-Mothers Day minghand l-Għaqda Armar Triq Dicembru 13. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

**5. Kwotazzjonijiet Imnarja 2016**

*PA system 01/2016*- Il-Kunsill irċieva zewg kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għazel l-orħos wahda ta' Cloud Nine bl-ammont ta' €769.

*Street Sweeping 02/2016*- Il-Kunsill irċieva zewg kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għazel l-orħos waħda ta' TC Cleaning Services bl-ammont ta' €2,895.

*Lighting System 03/2016* - Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda ta' Sourcelite bl-ammont ta' €290 għal l-attivita' tat-tfal, €450 għal Wirja Agrarja, €340 għal Ikla Tradizzjoni u €250 għax-Xalata. Il-Kunsill għazel din l-kwotazzjoni.

*Childrens Entertainment*- Il-Kusnill irċieva kwotazzjoni waħda ta' Jump Malta bl-ammont ta' €785. Il-Kunsill għazel din il-kwotazzjoni.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**6. Mnarja 2016**

**Wirja Agrarja**: Din l-attivita' ser tkun taħt id-direzzjoni ta' Josef Camilleri b'pagament zgħir. Il-Kunsill qabel fuq dan. Is-Sindku ssuġġerixxa li bhala rigal lil partecipanti jingħata għasel minn ta' Zafferena. Is-Sindku ser jara fuq dan u jzomm il-kunsilliera nformati. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir tifkira lil dawk li jgibu zwiemel għas-show fit-Triq Dicembru 13. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri staqsa rigward l-isem jekk hux ser jinbidel tal-Wirja Agrarja. Is-Sindku nforma lil kunsilliera li għal din is-sena daħal iz-zmien, u allura ser nibqgħu bl-istess isem. Is-Sindku nnota li s-Sibt 19 ta' Gunju ser ikun hemm il-Greenfields, l-Imnarja Folk Group u l-Għannejja – ta' Ganni Saliba. Il-Ħadd 20 ta' Gunju ser jkun hemm Benny u Tonia, Ciangura Folk Group u Fulkar Folk Group. Il-Kunsilliera qablu mal-programm. Is-Sindku nforma ukoll li ser ikun hemm prezenti Mary Portelli waqt dawn il-jumejn, fejn in-nies iwwaħħlu l-mosaic. Dan bil-prezz ta' €350 euro bil-qies ta' 2 by 4 feet. Il-kunsilliera qablu ukoll ma dan. Is-Sindku staqsa lil kunsilliera fuq idejat ta' tema u l-post fejn għandha teħel. Is-Sindku ssuġġerixxa Gnien il-Kunsill jew Gnien San Blas. Is-Sindku ser jibqa' b'kuntatt mal-kunsilliera rigward dan u tittieħed decizzjoni. Hu nforma ukoll bil-bzonn li jinxtraw aktar pots għal prodotti u li d-disinn tal-poster ser jinħadem minn Paul Mercieca. Il-Kunsilliera qablu fuq dan ukoll.

**Giochi**: Is-Sindku nforma lil kunsilliera li din l-attivita' ser tkun taħt id-direzzjoni ta' Joe Louis Xiberras u ser ikunu qed jgħinu z-zgħazagħ. Hu kompla jgħid li t-timijiet diga kwazi qed jingħaqdu. Din is-Serata ta' logħob u entertainment ser titella' minn zghazagh minn Nadur. Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jipprovdi trophy, medalji u drink lil partecipanti. Il-Poster ta' din l-attivita' ser jahdem fuq disinn disinn Paul Mercieca. Il-Kunsill irid jaħseb ukoll għal sound li ser jingħata lil Bjorn Vella. Il-Kunsilliera qablu fuq dan kollu.

**Attivita Tfal:** Din l-attivita' ser tkun taħt id-direzzjoni ta'Annette Portelli Said u ser ikun hemm fashion show ukoll. Ser tkun tipprezenta l- Ambaxxatriċi taz-Żgħażagħ, Brittany Attard. F'din l-attivita' ser jiehdu sehem ħafna tfal u zgħazagħ. Dawn ser jigu provduti drink u snack mingħand l-sponsors GSD u Kozmos. Il-Poster ta' din l-attivita' ser jinħadem minn Paul Mercieca. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Kunċert:** Il-Kunsill qabel li din l-attivita' tittella' bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-ammont ta' €1,000. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-kunsill ghandu jiddeciedi min għandu jigi mistieden jew inkella tigi deciza magħhom flimkien. Is-Sindku issġġerixxa ukoll li l-kunsill għandu joħrog xi nviti minn naħa tiegħu ukoll għal dan il-Kunċert. Il-Kunsill qabel fuq dan.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**Attivita Zghazagh:** Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkollabora għal sena oħra billi jipprovdi id-dawl u PA system ta’ din l-attivita’ li tittella’ bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Ikla Tradizzjonali:** Ser jieħdu sehem f’din l-attivita’ Marisa Damato, Rebecca Bonello, Elaine Haber, il-Gozo Boy u l-Folk group Imnarja. Kien hemm qbil fuq dan. Ser jigu wkoll karozzini minn Malta fejn il-Kunsill ihallas ghat-trasport tal-Gozo Channel.

**Tigrija Zwiemel:** Din it-tigrija ser tkun fid-29 ta’Gunju fit-8:00 a.m. Din l-attivita’ ser tittella bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta’ €650. Is-Sindku nnota li din l-attivita’ għandha titella’ b’prezentazzjoni tajba. Il-kunsill qabel fuq dan ukoll.

Il-Poster tal-Programm tal-Festa qed jaħdem fuqu Paul Portelli. Kien hemm qbil fuq dan. Rigward it-talba għal one way li saret mingħand l-għaqda Armar Triq Tramuntana fi zmien l-Imnarja l-Kunsill ma qabilx fuqha minhabba li din tista tohloq precedent u anke ghal fatt li l-Kunsill ser ikun jgħin lil din l-għaqda b’modi oħra.

**7. Tender Planters**

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li tqabbad is-Sur William Sultana biex jiddisinja l-e tender li gie mghoddi ukoll mid-DLG. Is-Sur William Sultana hadem fuq il-format u fuq it-tender**.** Hawnhekk qamet diskussjoni dwar id-diffikultajiet li ser isibu dawk interessati u dwar il-kumplessita tal-process. Is-sindku ser jara kif jista jigi simplifikat it-tender.

**8. Affarijiet Oħra**

i. *Zafferana:* Is-Sindku nforma li s-safra hija fully booked. Hu ppropona li jithallsu l-flight u transport tal-Kunsilliera. Il-Kunsilliera qablu fuq dan. Dan il-hin gie skuzat il-Vici Sindku Eucharist Camillieri. Is-Sindku ppropona ukoll li jithallas il-flight u transport tas-Segretarju Ezekuttiv u anke tal- Ambaxxatriċi taz-Żgħażagħ. Il-Kunsilliera qablu fuq dan ukoll. It-tour leader ser jkun is-Sur Charles Portelli. Paul Mercieca ser jaghmel id-disinn tal-poster ta’ dan it-tour. Is-Sindku nforma li ser ikollna fostna zewg artisti minn Zafferana u ser inlaqqawhom ma artisti lokali, u issuġġerixxa li nospitawhom b’ikla. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

**ii.** *Mosaic Murial:-* Is-Sindku nforma lil kunsilliera li fiz-zmien li gej tista tohrog il-kompetizzjoni ghad disinn biss ta’ dan il-murial. Il-p*roperty rights* ghandhom jibqghu

ta min ikun ghamel id-disinn. Artist iehor imbagħad jipproduci l-murial, fejn tinħareg kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol. Hu kompla jghid li l-hsieb hu li din tkun taghti Merhba fin-Nadur u jintuza left overs ta' madum minn residenti tar-rahal . Gie issuġġerit ukoll li l-artwork ta' dan l-imsemmi murial isir fic-ceramika minhabba elementi tat-temp. Ser jittiehdu il-qisien tal-area u jsiru t-toqob tal-ilma fil-post. Il-Kunsill qabel ukoll li din il-mural tigi applikata taħt il-fondi tal-*Urban Improvements Funds.*

**iii.** *Summer Courses:* Is-Sindku ssugerixxa li jsiru dawn il-korsijiet :-

Ganutell, lace making u creative knitting minn Guza Sammut
Arts and crafts minn Charlie Camilleri
Curtain making minn Maggie Debono

Hu staqsa lil kunsilliera jekk għandhomx idejat oħra ta' xi korsijiet li jistgħu jigu offruti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din is-sena nipprovaw First Aid course, kif ukoll sports course. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġeriet Health and Nutrition Course.

**iv.** *Charging Pillar*- Il-Kunsill qabel li din għandha teħel hdejn Gnien il-Kunsill.

***v.*** *Requests:*

- Talba għal Double yellow line fi Triq Wied Rihan. Ser issir l-applikazzjoni.
- Talba għal mera fit Triq Wied Rihan faccata tas-Sqaq.
- Talba għal mera fi Triq Bingemma faccata ta' Triq Xemmiex.
- Talba biex jigi irrangat ir-rubber tal-playing field tal-Ħali.
- Talba mingħand Sylvana Aguis rigward ftit cement taħt il-bankina fi Triq Said.
- Talba mingħand Frans Azzopardi fi Triq ta' Said biex tigi irrangata r-rampa tiegħu.
- Xoghol ta tindif b'bobcat u anke ta' sement fit-Triq ta Dahlet Qorrot peress li hemm gozz kbir ta' hmieg u anke xaqq ta' periklu li jrid jitnehha.
- Xoghol fuq rampa li taghti accessibilta fi Triq ix-Xemmiex.
- Hmieg li irid jingabar b'bobcat fi Triq li taghti ghal Wied tad-Duru.
- Jinxtraw xi madum u titranga l-bankina tal-Pjazzetta.
- Talba biex isiru toqob godda fi Triq Dun Bernard Haber – il-Kunsill qabel fuq dan.
- Jitrangaw il-mirja fi Triq ta' Grunju u anke fi Triq Sant Indrija.
- Patching matul Triq Dahlet Qorrot kollha.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Il-Kunsillier Micheal Camilleri staqsa rigward il-bozza fi Sqaq fi Triq San Gakbu. Is-Sindku spjega li ahjar nistennew it-tender tar-regjun u nimxu minn hemm bhal ma gara f'kazijiet ohrajn.
- Talba mingħand Il-Kunsillier Micheal Camilleri rigward cement fl-area ta' Burdin.

- Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud staqsiet rigward meta ser jsiru rapport fuq il-playing fields equipment. Is-Segretarja għandha tibgħat tistaqsi d-dipartiment konċernat fuq dan.
- Dr. Rita Mifsud fakkret ukoll dwar il-kuntratt li kellna naghmlu mal-Knisja, bin-Nutara Dr. Valerie Said kif kien miftiehem mill-Kunsill f'laqgħa oħra, dwar l-ghatba li tnehhiet miz-zuntier.

**9. Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat fit 7:07p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Gunju 2016, fil-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |